MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 347/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Aveline Galea**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Dicembru, 2005, ghall-habta tad-9.00 a.m., fi Triq il-Ferrovija, Hamrun, saqet vettura numru DAR-802 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunat offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rita Zammit, skond kif iccertifika Dr. K. Chircop M.D ta' S.L.H.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 t’Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 226(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannatha ghall-piena ta’ erbghin lira Maltin (LM40) multa.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-7 ta’ Novembru, 2006, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitha hatja tal-akkuzi dedotti kontriha w ikkundannatha ghall-piena ta’ erbghin liri Maltin (LM40) multa w tilliberaha minn kull piena w htija skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-fedina penali aggornata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fis-seduta tal-lum.**

**Semghet ix-xhieda ta’ PS 86 Anthony Lia, Dr. K. Chircop, Rita Zammit u Joseph Muscat kif ukoll ix-xhieda tal-appellanti.**

**Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li l-feriti subiti minn Rita Zammit kienu ta’ natura gravi per durata.**

**Semghet it-trattazzjoni.**

**Ikkonsidrat,**

**Illi mix-xhieda mismugha fl-udjenza tal-lum jirrizulta illi l-appellanti li kienet qed issuq il-car DAR-802 fil-pjazza fejn Triq il-Ferrovija, l-Hamrun, investiet lil Rita Zammit li dak il-hin kienet qed taqsam fl-istess pjazzetta w qed iddur ma’ parti mit-“traffic island” il-gewwa minn sinjali bojod li jiccirkondawha. L-investiment sar billi Rita Zammit intlaqtet minn wara mill-vettura misjuqa mill-appellanti.**

**Ikkonsidrat,**

**Illi filwaqt li ma hemm ebda dubbju li l-appellanti fil-hin tal-incident kienet qed issuq bi "speed" baxx hafna, w fuq is-"second gear" u ghalhekk hawn non si tratta ta' xi sewqan b'giri aktar milli jmissu w in eccess ghall-velocita' dettata mill-fatturi ambjentali tal-mument, kien hemm xi hin meta hi momentarjament setghet giet abbaljata bix-xemx jew bid-dijja tax-xemx li kif xehedu diversi xhieda f'dak iz-zmien tas-sena tkun baxxa fuq l-orizzont u tista' tghammex lil dak li jkun, f'dak il-post.**

**Illi hu dover ta' driver "to see what is in plain view" u gie ritenut diversi drabi li min ma jarax dak li raggjonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm " proper look out". "Proper look out" gie definiet li jfisser id-dover li wiehed jara mhux biss dak li hemm fil-karreggjata quddiemu imma sahansitra anki fuq il-bankina mal-genb tat-triq u li meta dan ma jkunx possibbli ghal xi raguni jew ohra, driver prudenti m'ghandux jiehu riskju w jibqa' ghaddej (regardless) ghax ikun qed jistieden xi inkwiet.**

**Illi anki jekk il-"pedestrian" f'dan il-kaz kienet inprudenti ghax qasmet minn post xejn rakkommandabbli w vicin "pedestrian crossing" li setghet facilment uzat kieku ma ghazlitx li taqta' ghad-dritt kif ghamlet, hu ri-saput illi f'materja penali il-"contributary negligence" tal-vittma jew tal-persuna danneggjata, ma hix skuzanti sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. Jekk tirrizulta tista', ghall-massimu, sservi biss bhala raguni ghall-mitigazzjoni tal-piena.**

**Illi mix-xhieda mismugha jidher illi kienet xikinet il-kontributorjeta' tal-vittma f'dan il-kaz, bil-fatt illi l-appellanti kompliet tipprocedi meta ghal xi mument ma kellhix il-veduta kollha tat-triq cara quddiema w b'hekk ma setghetx tara lill-vittma hlief wara li laqtita, dan jirrendiha responsabbli ghall-offizi ta' natura gravi nvolontarji kagunati fuq Rita Zammit.**

**Illi ghar-rigward tal-piena jidher li l-Ewwel Qorti diga' hadet in konsiderazzjoni tal-fatturi mitiganti kollha li setghu jibbenefikaw lill-appellanti w bil-fatt biss li giet erogata piena pekunjarja baxxa w addirittura l-appellanti ma gietx sospiza mill-licenzji taghha tas-sewqan, jidher li l-Ewwel Qorti applikat piena gusta w din il-Qorti ma jidhirx li ghandha ghalfejn tvarjaha.**

**Ghal dawn ir-raguni, l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------